**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 26 ta' Jannar, 2016**

**Citazzjoni Nru: 632/2015 AF**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Carlo u Silvana mizzewgin Montebello**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Bank of Valletta p.l.c. li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef datat 25 ta' Ottubru 2007 (Dok. "A") u permezz ta' zewg skritturi privati, wahda minnhom datata 31 ta' Lulju 2008 (Dok. "B") u l-ohra datata 20 ta' Novembru 2008 (Dok. "C") is-socjetà attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Carlo u Silvana mizzewgin Montebello.

Is-socjetà attrici tinsab kreditrici ta' Carlo u Silvana mizzewgin Montebello fis-somma ta' mija u tmint elef, seba' mija u tmienja u hamsin Ewro u tlieta u tmenin centezmu (€108,758.83) bilanc ghad-debitu fil-"*Credit Card Loan u Loan*

*Accounts*" ta' Carlo u Silvana mizzewgin Montebello mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa D3", Dok. "E", Dok. "F" u Dok. "G") flimkien mal-imghax ulterjuri mis-7 ta' Marzu 2015 sad-data tal-effettiv pagament.

Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn esibiti bhala Dok. "A", "B" u "C"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Carlo u Silvana mizzewgin Montebello:

(a) naqas milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skritturi privati (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Carlo u Silvana mizzewgin Montebello li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici.

L-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Il-konvenut Carlo u Silvana mizzewgin Montebello gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 1 ta' Awwissu 2012, li kopja taghha qed tigi hawn esibita u immarkata Dok "H" sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u skritturi privati fuq imsemmija (u hawn esibiti bhala Dok. "A", "B" u "C") partikolarment imma mhux esklussivament billi Carlo u Silvana mizzewgin Montebello (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Carlo u Silvana mizzewgin Montebello li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin

il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici, u

2. Tikkundanna lil Carlo u Silvana mizzewgin Montebello ihallsu flimkien u *in solidum* bejniethom lis-socjetà attrici is-somma ta' mija u tmint elef, seba' mija u tmienja u hamsin Ewro u tlieta u tmenin centezmu (€108,758.83) bilanc ghad-debitu fil-"*Credit Card Loan u Loan Accounts*" ta' Carlo u Silvana mizzewgin Montebello mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa D3", Dok. "E", Dok. "F" u Dok. "G") flimkien mal-imghax ulterjuri mis-7 ta' Marzu 2015 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 1 ta' Awwissu 2012 (Dok. "H").

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, minkejja li gew debitament notifikati ebda wiehed mill-intimati ma ressaq ebda twegiba ghall-kawza.

Semghet xhieda viva voce.

Rat li, minkejja li l-intimati gew moghtija l-fakoltà li jressqu sottomissjonijiet bil-miktub, dawn naqsu.

Ikkunsidrat li huwa taghlim kostanti ta' dawn il-Qrati li kontumacja ma titqiesx bhala ammissjoni tat-talbiet izda jibqa' jinkombi fuq ir-rikorrenti li jipprova li t-talba tieghu hija misthoqqa.

Il-Bank rikorrenti fil-kaz odjern issodisfa dan l-oneru sal-grad rikjest mill-ligi kemm permezz tad-dokumenti esibiti kif ukoll permezz ta' dikjarazzjonijiet guramentati.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, fil-kontumacja tal-konvenuti, tilqa' l-ewwel talba ta' Bank of Valletta p.l.c. kif dedotta; tilqa' t-tieni talba kif dedotta; bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-intimati.

IMHALLEF

DEP/REG